# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**4/19**

**Minuti tar-raba' (4) laqgħa tad-dsatax-il sena tas-seba' (7) Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Is-Sur Stephen Sultana** | **-** | **Sindku** |
| | **Is-Sur Jonathan Brimmer** | **-** | **Viċi Sindku** |
| | **Is-Sur Silvio Vella** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Jason Mangani** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sinj Elizabeth Vella** | **-** | **Kunsilliera** |
| | **Is-Sur Horace J Anastasi** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Darren Carabott** | **-** | **Kunsillier** |

**Is-Sinj Louise-Anne Gusman - Segretarju Eżekuttiv**

**2 Membri mil-Pubbliku kienu preżenti waqt din il-laqgħa. L-ismijiet jinstabu f'rassenja separata.**

---

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti - 2/19 (15/4/2013) u 3/19 (24/4/2013)
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-Ġurnata
   (a) Kumitat Ġieħ tal-Għażla
   (b) Bord tal-Aġġudikazzjoni

(c) Rapport Amministrattiv 2012
(d) *Residential Parking Scheme*
(e) *Financial Statements* - Marzu 2013
8. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
9. Aġġornament

1 Il-laqgħa bdiet fis-6.37 ta' filgħaxija bit-talba.

***2 Qari w approvazzjoni tal-minuti - 2/19 (15/4/2013) u 3/19 (24/4/2013)***

2.1 Is-Sindku, s-Sur Stephen Sultana nforma lill-Kunsillieri sabiex jiskużaw is-Segretarju Eżekuttiv (SE) minħabba li ma rċevewx wieħed mis-set tal-minuti 3/19 peress li kienet impenjata ħafna u li l-Kunsill qed jaħdmu b'ħaddiem wieħed. Is-Sur Horace Anastasi ssekondah. Is- Sindku ppropona li japprovaw u jaqraw l-ewwel set tal-minuti 2/19 u jsejjaħ laqgħa oħra l- ġimgħa d-dieħla biex titkompla il-laqgħa. Is-SE qalet li hija lestiet il-minuti dakinhar tal-laqgħa wara nofs in-nhar imma ma bgħatitomx lill-Kunsillieri.

2.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li s-Sur Darren Carabott ħa l-ġurament tal-Ħatra dak in-nhar peress li l-ġurament li kien ha qabel ma kienx sar għand Kummissarju tal-Ġustizzja. Is-Sur Carabott kellu jitniżżel bħala mistieden fil-minuti 3/19 tal-laqgħa li saret fl-24 t'April 2013.

***2.3 Korrezzjoni tal-minuti 2/19***

***2.3.1 Minuta 5.11.2 il-kelma 'amendata' biex issir 'emendata'***

***2.3.2*** Il-Minuti 2/19 tal-15 t'April 2013 ġew approvati nem con.

***3 Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti 2/19***

***3.1 Minuta 5.3 Vetturi kbar jitilgħu kontra il-One Way go Triq Brighella***

***3.1.1 Punt 5.3.1*** Is-SE għandha tikteb lil lis-Surġent 201 dwar rapport fuq il-kawża tas-Sur Anastasi li għandu l-Qorti ma ħaddiem tal-kuntrattur li qed jaħdem fi Triq il-Brighella. Is-Sindku qal li huwa tkellem mal-Perit tal-Kuntrattur biex jirranġa it-triq kif kienet fis-stat ta' qabel. Saret diskussjoni fuq il-ħsara lil bankina li tagħti ma Triq Brighella u ma Triq il-Lunżjata.

***3.2 Minuta 5.4 Protest Ġudizzjarju tas-Sur Denis Tanti***

***3.2.1 Punt 5.4.2*** Is-Sur Anastasi kkonferma li Bord tal-Aġġudikazzjoni kien fis-~~7~~ 4 ta' Lulju 2011 u mhux f'Awissu 2011. Is-Sur Anastasi ppreżenta r-rapport tal-Aġġudikazzjoni tas-Sejħa tas-SE tas-7 ta' Lulju 2011 u saħaq li fil-laqgħa li saret l-aħħar huwa kien semmha l-marki u li mhumiex imniżżlin fil-minuti. Huwa qal li kellu kopja tar-rapport u dan ir-rapport huwa kopja tal-ġol fajl tal-istess sejħa u lil-kopja oriġinali tal-fajl mhijiex iffirmata. Is-Sur Anastasi qal li dak in-nhar kellhom suppost jippreżentaw x'hemm fil-fajl. Is-Sur Anastasi qal li fil-fajl m'hemmx in-noti tas-Sur JM Formosa u li dawn in-noti huma vera kopji tal-primi noti tal-ASE

is-Sur Formosa. Saret diskussjoni fuq il-fajl ta' din is-sejħa. Is-Sur Sultana qal li r-rapport qatt ma ġie ipprezentat waqt laqgħa tal-Kunsill u li s-Sur Anastasi għandu kopja f'idejh. Is-Sur Anastasi qal li r-rapport qatt ma gie iffirmat minnu li kien ic-Chairman tal-Bord. Dan ma ġiex iffirmat għax l-ASE qatt ma ressaq dan ir-rapport waqt laqgħa tal-Kunsill. Is-Sur Anastasi ippreżenta fuq il-mejda l-vera kopji u li l karti oriġinali (*rough papers* tas-Sur Formosa). Is-Sur Anastasi ippreżenta 1) il-Kriterji għal-Bord tal-Aġġudikazzjoni; 2) rapport dwar il-Ħatra mhux iffirmat; 3) marki tal-kandidati.

***3.2.2*** Is-Sindku ħareg *ruling* li l-minuti mhux ser ikunu daqshekk twal. Is-Sur Anastasi staqsa lis-SE għalfejn ma tniżżlux il-marki li kien semmha d-darba l-oħra u s-Sindku wieġeb li kienu *out of context.* Is-Sindku żied jgħid li l-minuti ser jibda ikollhom id-deċiżżjoni biss. Is-Sindku qal li l-minuti kienu għadhom kif ġew approvati.

***3.2.3 Punt 5.4.7*** Is-Sur Anastasi qal li huwa kien ippreżenta il-marki u li kienu kontra l-SE. Is-Sur Anastasi poġġa fuq il-mejda l marki oriġinali.

***3.2.4 Punt 5.4.10*** Is-Sindku qal li kienu semmew l-Avukat Astrid Falzon għal ndan il-Protest Ġudizzjarju imma peress li daħlula xi protesti ġudizzjarji ma setghetx taħdem il-każ tal-Kunsill ta' Santa Venera u s-Sur Sultana avviċina lill-Avukat Luciano Busuttil biex jieħu l-każ f'idejh. Saret diskussjoni fuq l-Avukat u s-Sindku talab għal vot. Kontra: 2 (Is-Sur Anastasi, u s-Sur Carabott oġġezzjonaw), ~~Astinenza~~ Astenzjoni: 1 (is-Sinj Vella), Favur 4 (Is-Sindku, is-Sur Brimmer, is-Sur Vella u is-Sur Mangani). Il-vot biex il-Kunsill iqabbad lill-avukat Dott Luciano Busuttil għal Protest Ġudizzjarju għadda.

***3.3 Minuta 5.6 Ħinijiet taċ-Childcare Centre Little Munchkins***

***3.3.1 Punt 5.6.2*** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li mar jiċċekkha l-ħinijiet tal-*child care centres* ~~Kidstart~~ Bee Smart u Bebbuxu u qal li tal-*Little Munchkins* ikollhom l-istess ~~ħinijiet~~ tabelli. Is-SE is-Sinj Gusman qalet li kull *childcare centre* għandu l-ħin differenti x'ħin ikunu miftuħin u li ma tantx hawn *childcare centres* li jiftħu bħal *Little Munchkins* mis-6 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħaxija. Tal-*Little Munchkins* għandha ġġib il-permess mis-*Social Welfare* minħabba l-ħinijiet tal-ftuħ. Il-*child care centre* tal-Palazz l-Aħmar hija *drop off* ta' 30 minuta. Saret diskussjoni kif ir-residenti u l- wardens ħa ikunu jafu meta l-*childcare centre* tkun magħluqa u ikunu jafu il-ħinijiet li jibqa biex jipparkjaw. Il-Kunsill iddeċieda l l-*Little Munchkins* ikollha drop off ta' 30 minuta skont l-*opening hours* u l-komplament tal-ħin ikunu jistgħu jipparkjaw vetturi oħra imma *l-Little Munchkins* jagħmlu l-*opening times* huma stess fuq il-bieb ta' barra. Is-SE għandha toħrog *works order* lil Koptasin għat-tabella.

***3.4 Minuta 5.8 Laqgħat għall-Komunita'***

***3.4.1 Punt 5.8.1 - Richmond Foundation***: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li ir-*Richmond Foundation* ha jibgħatu l-program tal-kors dwar is-Saħħa Mentali. Huwa qal li ser jsiru filgħodu fid-*Day Centre*.

***3.4.2 Punt 5.8.2 - Kura Primarja tas-Saħħa***: Is-Sindku qal li l-kors huwa intensiv, se jieħu siegħa biss u ser jsir fil-Bini tal-Kunsill f'ġranet differenti minn tad-*Day Centre*. Ġie ippreżentat il-program *draft* u d-dati tal-kors ser jkunu bejn Ġunju u l-aħħar ta' Lulju 2013. Saret diskussjoni fuq postijiet oħra fejn jistgħu jsiru dawn il-korsijiet. Is-SE għandha tinforma lid-Dipartiment tas-Saħħa li l-Bini mhuwiex aċċessibbli.

***3.4.3 Punt 5.8.4 Lifelong Learning***: Is-Sindku qal li ser jsir minn Ottubru sa Diċembru 2013 ~~u~~ bil-ġranet ikunu Sibtijiet filgħodu. Is-Sur Anastasi ġibed l-attenzjoni li fil-Kunsill issa qegħdin b'ħaddiem wieħed.

***3.4.4 Punt 5.8.5*** Is-Sur Anastasi qal li fl-aħħar laqgħa kien tkellem fuq il-*budget* u li kien hemm 90% *financial situation indicator*. Huwa qal li mportanti li l-Kunsill jiffoka fuq it-toroq u joqgħod attent x'jonfoq. Saret diskussjoni fuq il-*commitments* u fuq it-toroq.

***3.4.5 Punt 5.8.6*** Is-Sur Anastasi ġibed l-attenzjoni li Kunsillier jista' jivvota favur, kontra jew astjena. Is-Sur Anastasi qal li huwa kellu riżerva tiegħu u allura la kien favur u l-anqas kontra u suppost kellu jitniżżel li astjena. Is-Sindku qal li ma jistax jaċċetta li astjena għax l-aħħar darba is-Sur Anastasi wera riżerva biss u mhux astjena. Is-Sur Anastasi talab lis-SE biex titlob direzzjoni mid-DLG.

***3.4.6 Punt 5.8.7 TCTC*** Is-Sindku qal li tat-TCTC ħa jużaw l-Kamra tal-Konferenzi u l-Kunsill irid jara jekk għandhomx linja tal-*internet* peress li fiż-żmienu kien hemm *set up* għall-komputers.

3.4.6.1 Is-Sindku tkellem fuq is-sistema tat-telefon peress li l-Kunsill għandu problema kbira fil-linji. Il-Kunsill ħa stima għal sistema tal-PABX li ser tiġi tiswa : *Option* 1 b'zewg linji u 8 *extensions* tigi tiswa €330.40 u *Option* 2 bi tlett linji u 8 *extensions* tigi tiswa €377.60, u wieħed irid iżid il-*labour costs* li jammontaw għal 41.30 u *cables* €82.60. Is-SE infurmat il-Kunsillieri li l-Kunsill kellu problema bl-*internet* u li s-sistema tal-PABX kellha ħafna żmien u inħarrqet. Il-Kunsill approva nem con li tinxtara *Option* 2 peress li għandhom jiżdiedu l-ħaddiema mal-Kunsill u hemm bżonn it-tielet linja biex tintuża għall-*internet*.

3.4.6.2 Is-SE qalet li hemm bżonn linja għall-internet biex ikunu jistgħu jqabbdu is-CCTV tal-ġnien Romeo Romano u tal-playground tat-Triq il-Parrocca *remotely*.

***3.5 Minuta 5.9 Għaqda Maltija tal-Ortikultura (GMO)***

3***.5.1 Punt 5.9.1*** Il-Kunsill Lokali ħa sehem billi ġiet ippreparata qoffa għal din l-attivita' imma ma ntefaq xejn l-anqas il-miżata ma tħallset. Is-Sur Mangani ġie ppreżentat b'ċertifikat li ġie ċċirkulat lill-Kunsillieri. Is-Sur Mangani għandu jibgħat l-ismijiet ta' dawk li għinu l-Kunsill ħalli s-SE tirringrazzjahom bil-miktub.

*3.6 Minuta 5.11 Tappieri f'Misrah Santa Venera*

***3.6.1 Punt 5.11.2 Proġett Misraħ Santa Venera :*** Is-Sindku qal li fadal id-DNO (*notification re minor alternations*) imma l-pjanti ġew approvati mit-TM. Huwa qal li l-*loading bays* li kien semma s-Sur Anastasi, kienu bla permess u s-Sindku ma sabx oġġezzjoni biex ma ssirux u ta direttiva biex jsiru *parking bays* minflok u jekk ikun hemm il-bżonn li ssir ***loading/unloading bay,*** u Francis Busuttil & Sons japplikaw b'mod formali. Saret diskussjoni fuq il-***loading/unloading bay***. Is-Sur Anastasi ssuġġerixxa li s-SE tikteb lil MEPA imma s-Sindku qal li għad fadal xi affarijiet biex tiġi approvata d-DNO tagħhom mill-MEPA u qed jistenna lil-Perit Bezzina jirċievi l-approvazzjoni mill-MEPA. Is-Sur Anastasi qal li l-Kunsill ħareġ *tender* u li dan ma jistax jinbidel. Is-Sur Anastasi ġibed l-attenzjoni li s-SE kellha tikteb lid-Direttur tad-DLG u lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti minħabba li dan kien *tender* u jekk jistgħux jagħmlu *minor alterations* u li se tinbidel il-pjanta oriġinali. Is-Sindku qal li dakinhar kienu ddeċidew li jipproċedu bil-*minor alterations*. Is-Sindku qal li m'għandhiex għalfejn imma s-SE qalet li għandha dritt titlob għad-direżżjoni jekk taħseb li l-Kunsill ikun ser jmur kontra l-liġi. Is-Sindku qal li d-deċizzjoni tal-Kunsill hija *abiding.* Is-Sur Anastasi stqarr li mhux ser iħalli lil ħadd jikser il-liġi. Is-Sindku qal li mhux ser jikser il-liġi. Is-Sur Anastasi qara l-liġi artiklu 52.2.g dwar ir-responsabilitajiet tas-SE tal-Kunsill Lokali.

***3.7 Minuta 5.15 Is-Sur Mario Mallia***

***3.7.1 Punt 5.15.1*** Is-Sur Anastasi qal li huwa kien kellem lis-Sur Vincent Cassar u li fil-laqgħa preċedenti kienet issemmit ittra fejn l-ASE is-Sur Formosa u huwa kienu mniżżlin. Saret diskussjoni fuq il-kont pendenti tas-Sur Mallia. Inġibdet l-attenzjoni tal-fatt li ma kienx hemm *works order* fuq ix-xogħolijiet. Is-SE qalet li hija ma kienetx taf bil-kont peress li ma kienetx għada taħdem il-Kunsill. Saret diskussjoni fuq l-ittra li qrat is-SE.

*3.7.2* Is-Sindku qal li huwa mhux se jaċċetta li l-minuti ser ikunu daqshekk twal.

***3.8 Minuta 7.1 Ilmenti***

*3.8.1* Is-Sur Mangani qal li meta ħareg it-*tender* tal-ġonna, ir-rawndebawt kienet imniżżla bħalha xogħol li jrid isir mill-Kunsill peress li fl-*extra works* hemm xogħol li suppost isir mill-Ġvern Ċentrali. Is-SE qalet li meta sar it-*Tender* hija żammet mat-*Tender* ta' qabel. Il-Kunsill ikkonferma li Triq il-Ferrovija trid issir mill- Gvern Ċentrali. Saret diskussjoni fuq x'hemm fil-*extra works* li suppost isiru mill- Gvern Ċentrali. Rigward Triq il-Ferrovija l-ELC trid tagħmel ix-xogħol peress li huma marbutin mat-*tender* li sar mal-Gvern.

***3.9 Minuta 7 Ilmenti***

***3.9.1 Ilment 22213068188743*** – Il-*Contracts Manager* irrapporta li hemm bżonn *major patching* u li rridu joħorġu *tender* għal dan it-tip ta' *patching*. Saret diskussjoni fuq il-ħofra li hemm Triq Żonqor u l-ħofra li hemm ħdejn Ħidma Soċjali fuq *major patching*.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 22213068188743 | 04/10/2013 10:05 | 20/04/2013 10:05:09 | Hofra quddiem No. 21, Triq iz-Zonqor. Meta taghmel ix-xita jtir l-ilma għal bieb taghha. Mobile: 99886915 | SANTA VENERA Local Council | Pending | Contracts Manager jirraporta jekk jeħtieġ li jkun hemm Major Patching jew le |

### *3.9.2 Ilment 22213079188780* - It-Triq imsemmija hija Triq il-Batterija

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 22213079188780 | 04/10/2013 12:37 | 30/04/2013 12:37:40 | Problema ta' parking ghar-residenti t'hemm. Qabel kellhom parking ghar-residenti/tal-familja. Biex terga' issir bhal qabel. | SANTA VENERA Local Council | Pending | Għal liem toroq qed jirreferu? |

*3.9.3 Ilment 22213026188894* – Is-Sur Anastasi qal li sar ix-xogħol quddiem dan il-garaxx kontra l-liġi peress li dan il-garaxx kien bla permess. Is-Sur Anastasi qal li s-SE kellha tikteb lid-DLG u qal li jekk ma jkollux risposta sa l-għada tal-laqgħa ħa jikteb lil Prim Ministru, lis-Segretarju Parlamentari Dott Herrera, lil Kap tal-Oppożizzjoni u li kull min hemm bżonn. Is-Sindku qal biex is-Sur Anastasi jista' jfittex lis-sid personali.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 22213026188894 | 04/12/2013 11:21 | 22/04/2013 11:21:57 | Garage numru 60 fi Triq San Gorg qieghed bil-linji bojod bil-konsegwenza li ma jistax idahhal il-vettura tieghu fil-garage. | SANTA VENERA Local Council | Pending | Is-Sur Anastasi qal li dan huwa *store* ta' Sur Meilaq u li m'għandhux permess tal-*garage*. Is-Sur Sultana qal li kien qed jinkera u issa qed jerġa juzah is-sid. Il-Kunsill kien bgħat l-Pulizija u sabu salott meta fetaħ il-bieb. Is-Sur Sultana qal li diment li għamel talba u qed jintuza bħala *garage* irridu isiru il-linji sofor. Is-Sur Anastasi qal li jekk jaghmlu dan ser jiksru l-ligi. Is-Sur Anastasi ġibet l-attenzjoni lis-SE biex ma tmurx kontra l-liġi. Is-Sur Anastasi għabba lis-SE bir-responsabilita' u żied jgħid li ser jressaq lir-resident il-qorti.<br><br>Works Order lil Koptasin |

*3.9.4 Ilment 22213068189067* – Is-Sindku qal li l-istat tal-bankina huwa disastruż ħafna. Huwa qal li dan huwa każ umanitarja u ppreżenta ċertifikat mediku. Huwa qal lid-deċizzjoni jeħodha l-Kunsill. Is-Sindku ppreżenta ritratt tal-bankina u l-għatba tal-garaxx. Saret diskussjoni li l-propretarju għamel tarġa għolja u li l-Kunsill ħa jirranġa l-bankina. Is-SE qalet li jekk ħa ibaxxu jew jgħollu l-bankina xorta ser ikun hemm periklu għar-residenti u għalfejn il-Kunsill se joħrog flus meta ser jsir dislivel tal-bankina. Is-Sindku talab għal-vot. Favur: 4 is-Sur Sultana, is-Sur Brimmer, is-Sur Vella u s-Sur Mangani. Kontra: 1 (Is-Sur Anastasi), Astenzjoni: 2 (Is-Sinj Vella u s-Sur Carabott). Is-Sindku qal li l-Kunsill se jara x'jista' jagħmel fuq din il-bankina.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 22213068189067 | 15/04/2013 11:39:46 | 05/05/2013 11:39 | Talba sabiex titbaxxa l-bankina li hemm quddiem garage hdejn residenza 9, fi Triq il- Parata, liema tabela diga saret fl-1 ta'Mejju 2012 | SANTA VENERA Local Council | Pending | Is-Sur Anastasi qal li l-ewwel kellhom jagħmlu l-*inspection box* u meta ssir, kellhom jinfurmaw il-Kunsill biex fil-kaz il-Kunsill tagħmel l-bankina. Is-SE għandha tibgħat lil-*contracts manager* biex jieħu r-ritratti u din terġa tiġi diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill. |

**4** Il-laqgħa spiċċat fid-8.17 ta' filgħaxija. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha 15 ta' Mejju fis-6.30 ta' filgħaxija.

Louise-Anne Gusman

Segretarju Eżekuttiv

Stephen Sultana

Sindku

Ikkonfermati llum, 10 ta' Ġunju 2013